**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 3095/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dolores Sammut Bonnici,**

Illum, 6 ta' Dicembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Dolores Sammut Bonnici, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 361654(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Frar 2024 għall-ħabta ta' 10:48hrs, fi Triq is-Salib tal-Imrieħel, Birkirkara, bħala persuna fil-kapaċita' tagħha li fil-ħin tal-għemil tar-reat kont direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga għan-nom ta' *Green Skip Services Ltd* :

1. Ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet li l-vettura Nru. GRN-015 tinstaq minn Nadheer Kumbassery Abubaker mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta,
2. U talli saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(b) u 15(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap.104 sabet lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u kkundannatha għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700). In oltre, il-Qorti skwalifikat lill-ħatja milli jkollha jew tottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Dolores Sammut Bonnici, ippreżent fis-17 ta' Mejju 2024, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi ta' nhar l-10 ta' Mejju 2024 u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 18 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnha ventilat, l-appellanti tibda billi tilmenta mill-fatt illi fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti qalbet għal kollox u għall-kuntrarju l-oneru tal-prova rikjesta fil-kamp kriminali u dan meta assumiet fuq bażi ta' probabbilita' illi, ġaldarba is-sewwieq kien impjegat minn xi xahar qabel bħala xufier mas-soċjeta *GreenSkip* u ġialadarba hija kienet direttur ta' din is-soċjeta', kien imissha vverifikat illi s-sewwieq kellu liċenzja tas-sewqan valida qabel offrietlu l-impjieg, u qiset dan il-fatt kien isarraf awtomatikament f'permess minn naħa tagħha sabiex isuq it-trukk. *In oltre* tisħaq li dakinhar li seħħ l-inċident *de quo*, hija kienet imsiefra u għalhekk la kienet hi li tat il-permess lil Nadheer Kumbassery Abubaker li jsuq il-vettura in kwistjoni u lanqas kienet hi li kellmet lill-Pulizija hekk kif hemm indikat fl-*affidavit* tiegħu.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali odjerni jirriżulta li nhar id-19 ta' Frar 2024, għal ħabta ta' 10:48hrs, il-Pulizija addett mas-sezzjoni tat-traffiku, u ċioe' PC 64 Tonio Sultana, interċetta "*scammel truck*" tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni GRN-015 tal-kumpanija "*GreenSkips*" qed jipprova jipparkja eżatt f'kantuniera fuq id-"*double yellow lines*". Huwa waqqaf lix-xufier tal-istess trakk, ċertu Nadheer Kumbassery Abubaker, li la kellu liċenzja sabiex isuq l-istess trakk u lanqas allura kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Fl-affidavit tiegħu l-kuntistabbli Sultana jikkontendi illi huwa kellem lil sid l-imsemmi trakk, u ċioe' l-appellanti fejn hija "**ammettiet li kienet hija stess li ppermettiet lill-istess xufier, li kien impjegat magħha, ċioe' lil Nadheer Kumbassery Abubaker, sabiex isuq l-imsemmija vettura (scammel truck)**".

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti tilmenta li hija qatt ma tat permess lil Nadheer Kumbassery Abubaker sabiex isuq il-vettura in kwistjoni. *In oltre*, tisħaq li lanqas ma kienet Malta fil-ġurnata ndikata fiċ-ċitazzjoni u allura wisq anqas tkellmet mal-Pulizija, kif minnhom mistqarr.

Issa l-Ewwel Qorti ikkunsidrat dawn id-difiżi fis-sentenza tagħha u qieset illi ġaldarba *ex admissis* l-appellanti stqarret illi kienet hi l-persuna li impjegat lil Abubaker bħala xufier mal-kumpanija minnha ġestita kwindi l-obbligu kien jaqa' fuq spallitha illi tivverifika illi dan kellu liċenzja tas-sewqan valida u allura li l-polza ta'l-assigurazzjoni tal-vetturi li hija kienet ser tinkarigah isuq kienet tkoprieh.

Illi, jibda' biex jingħad li għalkemm l-appellanti ippreżentat provi li jindikaw illi dakinhar tal-inċident hija ma kinitx Malta, b'daqsehkk ma jfissirx illi dak li jikkontendi PC64 huwa inattendibbli. Dan magħdud, madanakollu, mill-affidavit ippreżentat ta' dan il-kuntistabbli, kif ukoll mill-PIRS report ippreżentat in atti ma jidhirx illi qabel ġiet mitkellma l-appellanti ingħata it-twissija skont il-liġi u din il-prova kellha tiġi skartata bħala waħda inammissibbli. Premess dan, iżda, mix-xhieda ta' Claudia Diacono[1], in rapprezentanza tal-*Malta Business Registry*, jirriżulta li l-appellanti hija

[1] Fol.25 tal-atti

direttur tas-soċjeta' "*Green Skips Services Limited. In oltre,* l-appellanti nnifisha fix-xiehda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti kkonfermat bil-ġurament li Nadheer Kumbassery Abubaker kien impjegat ta' dina l-istess soċjeta', u li kienet hi li impjegatu bħala tali.

Illi l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, jiddisponi illi:–

> **Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat ...**

Illi, allura abbażi tal-provi prodotti, l-appellanti, fil-vesti tagħha ta' uffiċjal tal-kumpanija, kienet fid-dmir li tara li l-impjegati tagħha kellhom liċenzja tas-sewqan valida u li allura ġaldarba impjegat lil Abubabker bħala xufier kellha tara ukoll illi is-sewqan tiegħu, isir meta isir, anke jekk hi ma tkunx preżenti f'Malta, ikun kopert b' liċenzja tas-sewqan valida u li jkun ukoll kopert bil-polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa fuq it-trukkijiet tal-kumpanija.

Illi mill-*affidavit* redatt minn Kenneth Pace[2], in rapprezentanza ta' *Transport Malta*, jirriżulta illi: -

> **"... Nadheer Kumbassery Abubaker, holder of ID No 397016A, on the 19th of February 2024, was not in possession of a Maltese driving licence.**
>
> **On the 7th of April 2024, has applied for a learner's permit for category 'B'.**
>
> **Up to the 7th of May 2024, Nadheer Kumbassery Abubaker, did not apply for a practical test".**

Illi, għalhekk huwa ppruvat ampjament li fid-data tal-inċident *de quo* Nadheer Kumbassery Abubaker ma kellux liċenzja valida tas-sewqan u allura jikkonsegwi li l-appellanti, fil-vesti tagħha ta' direttur tas-soċjeta' li ngaġġatu ma eżerċitatx id-diliġenza kollha xierqa sabiex tevita l-għemil tar-reat odjern. Għallinqas prova ta' dan

[2] Dok C1 a fol.7

hija ma tressaqx, kif kien jinkombi fuqha skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni hawn fuq iċċitat. Illi:

> **The duties of directors can be classified under two categories, namely general duties and specific (or administrative) duties. The general duties of directors are found in the provisions of Article 136A of the Companies Act which can be classified into two further sub-categories, namely (i) duties of loyalty, and (ii) duties of care and skill.**
>
> **…..**
>
> **Apart from these duties, many other duties arise from a wide array of specific legislation such as the Prevention of Money Laundering Act (Chapter 373 of the Laws of Malta), the Social Security Act (Chapter 318 of the Laws of Malta), and the Value Added Tax Act (Chapter 406 of the Laws of Malta), not to mention several other laws which lay down the regulatory framework for a number of key strategic industries (financial services, pharmaceuticals, gambling etc), a breach of which could lead to personal criminal liability.**
>
> **……..**
>
> **As a matter of general observation, it is important to state that the personal liability of directors can never be waived by the company. Indeed Article 148(1) of the Companies Act provides that any written declaration exempting the director from such personal responsibility or undertaking to indemnify the director against any legal liability is deemed to be legally void. This is a mandatory public policy rule which cannot be derogated from[3].**

Għaldaqstant, din l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċizjoni ta' ħtija fir-rigward l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellanti, kif filfatt għamlet.

**Ikkunsidrat:**

[3] https://www.legal500.com

Illi, it-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellanti hija li hija ppermettiet lil Nadheer Kumbassery Abubaker isuq il-vettura in kwistjoni mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni valida.

Illi, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqra:-

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' jużа jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi, pero' il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u dan meta fis-sub-artikoli (1A) u (1B) hemm hekk dispost:-

> **(1A) <u>Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).</u> <u>(enfazi ta' dina l-Qorti)</u>**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi illi:

> **"Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu."**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 ċertifikat ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur is-sewwieq</u>**. Illi din il-Qorti tisħaq illi mhux biżżejjed li jkun hemm ċertifikat ta' assigurazzjoni

maħruġ fuq kwalunkwe persuna, għaliex l-artikolu 4(4), li jagħmel referenza għalih l-artikolu 3(1A), jinneċċesita illi dan ikun maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xorta waħda mis-soċjeta assiguratriċi, għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtorizzat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, li hija kwistjoni purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.

Illi mbagħad d-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, fil-preambolu 3 tiegħu jindika l-għan wara dawn ir-regolamenti komunitarji, meta jingħad hekk:

> **Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-<u>responsabbiltà ċivili</u> fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu hi koperta b'assigurazzjoni. Il-limitu tar-responsabbiltà koperta u t-termini u l-kondizzjonijiet ta' din il-kopertura għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' dawk il-miżuri.**

Illi l-miżuri ewropej ifittxu sabiex jassiguraw illi l-<u>użu tal-vetturi</u> jkun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni u mhux il-vettura innifisha. L-artikolu 3 għalkemm intestat dwar l-"assigurazzjoni obbligatorja għall-vettura", madanakollu jiddisponi illi:

> **Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 5, jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta minn assigurazzjoni.**

Illi l-artikolu 13, jipprojbixxi deroga mill-applikabbilita' ta'l-artikolu 3 hawn fuq iċċitat fil-każijiet fejn per eżempju is-sewwieq ma jkollux liċenzja tas-sewqan, billi din tirreferi esklussivament għall-obbligi ċivili tas-soċjetajiet ta'l-assigurazzjoni li meta jkun hemm polza fuq saqajha it-terz danneġġjat għandu jkun dejjem indennizzat għal kwalunkwe ħsara minnu sofferta. Ma jirreferiex għar-responsabbilta' penali ta' min jintenta isuq vettura meta ma jkollux liċenzja tas-sewqan jew polza tal-assigurazzjoni

li tkopri is-sewqan tiegħu. Li kieku kien hekk allura il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali jkunu qed jagħtu *carte blanche* lil kull min jidhirlu illi għalkemm ma għandux liċenzja tas-sewqan u/jew polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa f'ismu jew inkella li tindikah bħala *authorised driver*, jista' xortawaħda isuq vettura li jkollha polza ta'l-assigurazzjoni fuq saqajha, iżda li ma tkunx tkoprieh. Tant hu hekk illi d-direttiva tħalli f'idejn l-Istati Membri jilleġislaw dawk il-liġijiet li jidhrilhom meħtieġa sabiex ikun żgurat l-applikazzjoni tagħha:

> **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma jadottaw fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw l-applikazzjoni tagħhom. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi.**

Illi, hekk kif ġie ritenut minn dina l-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Gilbert Gatt</u>" deċiza nhar il-11 ta' Mejju 2023 –

> **F'kull kaz, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.**

Illi, konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-liġi applikabbli għal din l-imputazzjoni in dizamina, ġialadarba ġie ppruvat mingħajr l-ebda dubbju, li Nadheer Kumbassery Abubaker ma kellux liċenzja tas-sewqan dakinhar tal-inċident *de quo*, huwa ma seta' jkun qatt kopert b'polza ta' assigurazzjoni, anke li kieku dina kienet tgħajjat lilu. Dan għaliex l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta l-ħtija tal-persuna li ssuq vettura meta il-polza ta' l-assigurazzjoni ma tkopriex tali sewqan minn dik il-persuna. Din il-prova ma ssirx mill-Prosekuzzjoni, iżda trid issir mill-persuna mputata, prova li neċessarjament hija f'idejh bħala dik il-persuna li hija mixlija bl-att vjolattiv. Dan għaliex hekk kif ikun hemm ix-xilja taħt il-Kapitolu 104, hemm il-presunzjoni illi ma kienx hemm polza ta'l-assikurazzjoni, liema presunzjoni trid tingħeleb mill-persuna mixlija bir-reat. Illi din il-prova ssir bil-produzzjoni ta' ċertfikat ta' l-assigurazzjoni li għandu jkun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbilit fl-artikolu 4(4) ta' l-Att, u fuq kollox illi dan iċ-ċertifikat huwa tali li jkopri kwalunkwe ħsara li talvolta tista' tkun minnu kkaġjonata waqt is-sewqan tal-vettura.

Illi, t-test bl-Ingliż ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, fil-fehma tal-Qorti huwa iktar ċar u inekwivoku meta hemm hekk dispost:

> ***Subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in force in relation to the user of the vehicle by that person or that other person, as the case may be, such a policy of insurance in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance.* (enfazi tal-Qorti)**

Illi, id-diċitura adoperata għalhekk tinneċċessita prova dwar l-eżistenza ta' polza ta 'l assigurazzjoni li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza u li tkopri lis-sewwieq li jkun kiser il-liġi u li hi maħruġa favur tiegħu, u dan skont id-disposizzijonijiet tal-artikolu 4(4) ta'l-Att imsemmi. F'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-Qorti ma tarax illi l-appellanti tista' jaħrab mir-responsabbilta' penali għal din l-infrazjoni tal-liġi meta huwa evidenti illi l-impjegat tagħha lanqas biss kien liċenzjat li jsuq fit-toroq Maltin. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies li l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta sabet lill-appellanti ħatja ukoll tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellanti tisħaq li s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tagħha għal perijodu ta' tnax-il xahar hija wisq esaġerata fiċ-ċirkostanzi ta' dana l-każ.

Illi, qabel kull konsiderazzjoni oħra dwar dan l-ilment, din l-Qorti tirrileva li ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[4] .

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, l-piena mposta mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri prospettati mill-liġi fejn is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan hija waħda tassattiva u għalhekk, ġaladarba instabet il-ħtija fil-konfront tal-appellanti, l-Ewwel Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tgħaddi sabiex tordna din s-sospensjoni li, fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija għar-reat imfassal fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-minimu ipprospettat għal din is-sospensjoni hija dik ta' tnax-il xahar, u kwindi ebda varjazzjoni fir-rigward ma tista' qatt tkun ikkontemplata. Għalhekk ma hemm xejn sindikabbli fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti u l-aggravju tal-appellanti fir-rigward qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**